QORIT CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru 2116/00 GC**

**Joseph Grima**

**-vs-**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur somma ta' disgha u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm69,875) rapprezentanti l-valur ta' mija u wiehed u erbghin (140) kambjala ffirmati u accettati mill-konvenut hawn annessi u markati minn JC20 sa JC91 li lkoll immaturaw ghall-hlas;

Illi l-konvenut gie interpellat ghall-hlas ta' dawn il-kambjali li mmaturaw ghall-hlas izda huwa baqa' inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba attrici;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi l-kambjali li kopja vera taghhom hija hawn annessa bhala dokumenti markati minn JC20 sa JC91, immaturaw ghall-hlas mill-konvenut a favur l-attur u,

3. Tikkundannah ihallas l-ammont komplessiv ta' disgha u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin lira maltin (Lm69,875) rapprezentanti l-valur ta' mija u wiehed u erbghin (140) kambjala ffirmati u accettati mill-konvenut hawn annessi u markati minn JC20 sa JC91 u li lkoll immatturaw ghall-hlas kif fuq inghad, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-maturita relattiva ta' kull kambjala rispettiva sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat it-talba tal-konvenut kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn talab li jigi ammess jghamel nota ta' eccezzjonijiet;

Rat l-istess verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 minn fejn jirrizulta li l-attur oppona din it-talba stante li din hi azzjoni kambjarja u ghahekk jistghu biss jinghataw eccezzjonijiet formali dwar il-kambjali nnifishom;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-imsemmija talba tal-konvenut;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut dwar l-istess talba tieghu;

Rat in-nota responsiva tal-attur;

Semghet it-trattazzjoni ulterjuri orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed jigi deciz jekk il-konvenut ghandux jigi ammess jippresenta nota ta' eccezzjonijiet;

L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' disgha u sittin elf, tmien mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm69,875) import komplessiv ta' diversi kambjali li gew iffirmati u accettati mill-konvenut. L-attur qed jitlob ukoll li din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond il-provedimenti tal-artikoli 167 sa 171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

L-attur fil-kors tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 oppona din it-talba u ssottometta li din hi azzjoni kambjarja u ghahekk jistghu biss jinghataw eccezzjonijiet formali dwar il-kambjali nnifishom;

Jigi rilevat li fl-ewwel lok ghandu jigi deciz jekk il-konvenut ghandux jinghata l-opportunita li jippresenta nota ta' eccezzjonijiet in vista tal-fatt li din il-kawza qed isir bil-procedura specjali ai termini tal-artikoli 167 sa 171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Hu fit-tieni lok li ghandu jigi konsidrat jekk din hix azzjoni kambjarja u x'eccezzjonijiet jistghu jinghataw f'azzjoni simili;

L-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-konvenut jista jinghata l-opportunita' li jippresenta nota ta' eccezzjonijiet jekk juri li jista jattakka l-procediment sommarju specjali fuq il-bazi ta’ irregolarità, jew ta inapplikabilità. Inoltre l-konvenut jista jinghata din l-opportunita' jekk juri "prima facie" li ghandu eccezzjonijiet, fil-ligi jew fil-fatt, x'jghati kontra l-meritu ta’ l-azzjoni, jew jekk juri li ghandu d-dritt li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba;

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Dr. Mario Schembri nomine vs Joseph Carbonaro nomine" deciza fl-24 ta' Jannar 1997 irriteniet li f'azzjoni istitwita bil-procediment sommarju specjali, meta l-konvenut jitlob li jinghata l-opportunita' li jippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet, jispetta lill-Qorti li tghamel l-apprezzament mehtieg skond il-ligi dwar jekk il-konvenut "prima facie" ghandux eccezzjonijiet validi x'jghati;

Fic-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz jidher li jirrizulta "prima facie" li l-konvenut ghandu jinghata l-opportunita' li jghamel l-eccezzjonijiet tieghu. Jidher li hemm ragunijiet bizzejjed ghala il-konvenut ghandu jopponi t-talbiet attrici;

Li ghandu jigi esaminat issa hu jekk din hix azzjoni kambjarja kif jippretendi l-attur;

Jidher li originarjament il-partijiet kienu ghamlu ftehim li permezz tieghu l-attur ghadda lill-konvenut stazzjon tar-radju u l-gestjoni taghha oltre li kien ghaddilu l-ishma kollha fis-socjeta li kienet tikkontrolla l-istess stazzjon. In konnessjoni ma dan il-ftehim originali l-konvenut iffirma u accetta numru ta' kambjali in konnessjoni mal-korrispettiv miftiehem ghall dawn it-trasferimenti. Dawn il-kambjali huma dawk in kwestjoni f'dawn il-proceduri;

Jidher inoltre li l-partijiet, sussegwentement, kienu qabblu li jitterminaw l-effetti kollha tal-imsemmi ftehim originali. Il-partijiet qabblu ukoll li l-kambjali in kwestjoni kellhom jibqghu fil-pussess tal-attur jidher bhala garanzija. Jidher ghalhekk li l-kambjali in kwestjoni jinsabu fil-pussess tal-attur bhala garanzija ghar-rigward ta' xi obbligi li gew assunti mill-konvenut versu l-attur in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-imsemmi ftehim originali. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-presenti hi purament azzjoni kambjarja peress li hemm dan l-element tal-garanzija. Ghalhekk ma tqumx il-kwestjoni ta' liema eccezzjonijiet jistghu jinghataw f'din il-kawza. Lanqas ma tqum il-kwestjoni jekk ghandux jigi ordnat il-hlas tal-kambjali b' kawtela bhal ma hu d-depositu tas-somma in kwestjoni taht l-awtorita' tal-Qorti sakhemm jigu decizi l-pretensjonijiet tal-konvenut;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talba tal-konvenut biex jigi ammess jghamel in-nota ta' eccezzjonijiet tieghu ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi dwar it-talba tal-konvenut kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn talab li jigi ammess jghamel nota ta' eccezzjonijiet billi tilqa l-istess talba u takkorda lill-konvenut ghoxrin (20) jum millum biex jippresenta n-nota ta' eccezzjon ijiet tieghu;

Il-kawza qed tigi differita ghal presentata tal-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet u jekk ikun il-kaz ghall-provi tal-attur ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001;

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.